MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2007

Rikors Numru. 634/2007

**Bank Of Valletta P.l.c**

**vs**

**Alina Darmanin**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fil-11 ta' Ġunju, 2007 li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-kumpannija rikorrenti talbet li l-Qorti terġa' tagħmel eżekuttiva sentenza mogħtija fit-12 ta' Lulju, 2000 fil-kawża fl-ismijiet premessi (Ċit: Nru 957/00 RCP) u dan billi għaddew aktar minn ħames (5) snin minn meta l-imsemmija sentenza saret eżekuttiva;

Rat in-Nota mressqa mill-intimata fit-13 ta' Novembru, 2007, li biha ammettiet it-talba;

Illi għalhekk fid-dawl ta’ l-ammisjoni tal-intimata, it-talba tar-rikorrenti tirriżulta ġustifikata u għalhekk tilqa’ t-talbiet tal-istess rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------